# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 41 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 16 t'Ottubru 2013 fis- 6.00 p.m.***

**Presenti**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**41/01 Talba**

41/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.00 billi ntqalet it-talba.

**41/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 40.**

41/02/01 Is-Sindku ippropona li l-minuti tal-Laqgħa 40 li s-SE kienet iċċirkulat lill-Kunsillieri dakinhar stess jiġu emendati kif gej:-

***Emendi għal: 40/02/02 – l-ewwel paragrafu:***
l-1 linja: titneħħa 'talab' u ssir 'ippropona';
It-3 linja: iżżid 'għaliex fil-fehma tiegħu l-minuti li saru mis-SE ma kienux jirriflettu sew dak li ntqal u ġie deċiż mill-Kunsill fil-laqgħa numru 39. Minħabba l-ammont sostanzjali ta' emendi' wara 'sostanzjali';
Il-5 linja: titneħħa 'u' qabel 'hu'; iżżid 'u talab il-permess tal-Kunsill li' wara 'Minuti'.
Is-6 linja: titneħħa '. Huwa' u żżid 'jipprezenta' minflok 'pprezenta'.
Is-7 linja: titneħħa 'li' u żżid 't-talba' qabel 'tas-Sindku'; iżżid 'Inqraw l-emendi' u jitneħħew 'jaqra l-minuti emendati'.
Id-9 linja: jitneħħew 'ġew ippreżentati' u żżid 'propost' qabel 'mis-Sindku'.

***Emendi għal: 40/02/02 - It-tieni paragrafu:***
l-1 u t-2 linja: jitneħħew 'setgħetx tikkonferma dawk' u żżid 'kienitx ser tiffirma i' qabel 'l-minuti' u jżżid 'kif emendati' qabel 'peress'.
It-2 u t-3 linja: jitneħħew 'u lanqas kienet ser tiffirma l-Minuti kif emendati' wara 'tagħha'.
It-3 u r-4 linja: titneħħa 'd-dikjarazzjoni' wara 'din' u żżid 'l-interpretazzjoni'; titneħħa 'tieħu' wara 'għandha' u żżid 'temenda l-'.
Il-5 sas-7 linja: jitneħħew 'emendati bħalha l-minuti approvati mill-Kunsill.' u żżid 'li kienet oriġinarjament ippreparat hi skont kif issa approvat mill-Kunsill sabiex il-minuti kif emendati jkunu jistgħu jiġu ffirmati u jkunu l-Minuti finali.'

***Emenda għal 40/07/03***
Is-7 linja: żżid 'mingħajr aktar dewmien' wara 'tiffinalizza'.

***Emendi għal 40/07/08***
l-1 linja: titneħħa 'Kunsillier' u ssir 'Sindku'; u jitneħħew 'li s-Sotto Kumitat tar-Relazzjonijiet Pubbliċi' wara 'Kunsill'.

***Emenda:*** Sabiex in-numru tal-Laqgħa fil-font issir '040/06' minflok '038/06'.

Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati dawn l-emendi.

Il-Minuti 40/06 kif emendati ġew approvati unanimament u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti.

**41/03 Punti mtella'mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 40**

41/03/01 **Para 40/02/02**:- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv (SE) kienet kitbet lid-Dipartment għal-Gvern Lokali (DGL) sabiex jagħtiha direzzjoni rigward il-minuti tal-Laqgħa b'Urġenza Nru. 39. Id-DGL wieġeb li 'l-Minuti emendati u approvati mill-Kunsill għandhom ikunu l-minuti finali tal-laqgħa tal-Kunsill.' Is-S.E. emendat il-minuti kif intalbet tagħmel mid-DGL u l-minuti ittellgħu fuq iż-żewż *websites* tal-Kunsill.

41/03/02 **Para 40/03/01: *Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: Is-S.E. intalbet issegwi aktar mill-qrib mall-Perit Falzon ħalli s-sejħa għall-offerti tinħareġ mingħajr aktar dewmien.

41/03/03 **Para 40/03/02: It-Torri tas-Semoforu**: Is-SE intalbet biex tara li tiġġedded il-garanzija bankarja fuq dan il-kuntratt. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għadna ma rċevejna xejn mid-Dipartiment tal-Artijiet.

41/03/04 **Para 40/03/03:- Tender Nru T-03/13-24** – Il-Kunsillier Alfred Muscat informa lill-Kunsill li huwa mar l-uffiċċju tal-Onor. S. Buontempo u talab informazzjoni dwar it-talba għall-fondi sabiex jinxtara apparat għall-*Outdoor Gym*. Hu ġie infurmat li t-talba tagħna kienet ġiet riferuta lill-Kunsill Malti għall-Isport imma jidher li ma hemmx fondi li jistgħu jinghataw lill-Kunsill. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser ikompli isegwi.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm xi madum fi Ġnien il-Paċi li jrid jinqalgħa u jerġa jitwaħħal kif suppost. Dan ix-xogħol ġie unanimament approvat mil-Kunsill. Sadanittant ix-xogħol fil-ġnien mexa sew u kull ma jonqos kien il-bandla għat-tfal bi bżonnijiet speċjali u xi xogħol fuq it-tapit tas-sigurta'. Il-Kunsill unanimament qabel li meta jitlesta x-xogħol kollhu u l-inġinier jiċċertifika x-xogħol u l-apparat, il-ġnien jerġa jinfetaħ għall-pubbliku. Hekk kif jiġi ippreżentat il-kont mill-kuntrattur il-perit għandu jintalab jiċċertifika dan il-kont.

41/03/05 **Para 40/03/04:- Fanal Sqaq il-Ħofra:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-S.E. tkellmet mall-*Contract Manager* sabiex tara jekk tistax teħel din il-bozza minħabba d-distanza kif ukoll jekk hemmx bżonn li jeħel arblu u biex jagħtina stima tax-xogħol. Is-S.E. ser tkompli issegwi u tinforma lill-Kunsill dwar dan.

41/03/06 **Para 40/03/05 Ġnien tal-Ponta**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa u l-Kunsillier Alfred Muscat iltaqgħu mal-Perit S. Cortis, mal-kuntrattur u mar-rappreżentanti tal-MEPA sabiex jaraw jekk ix-xogħol kienx qiegħed isir skont il-permess. Ġie ikkonfermat li s-siġar li kienu mietu jinqalgħu u jitpoġġew siġar oħra minn flokhom. Ġie

unanimament deċiż li l-Perit jintalab sabiex jagħmel applikazzjoni ġdida mal-MEPA sabiex jinbidlu dawn is-siġar, jitwaħħal *railing* ħalli tiżdied is-sigurta' kif ukoll sabiex ikun jista jsir xi tip ta' *coping* fuq il-ħitan tas-sejjieħ. Ġie deċiż ukoll li jiġi ipproċessat it-tieni *progress payment request* kif ukoll li l-ELC jintalbu jipprovdu stima sabiex isir il-*landscaping*. Is-SE intalbet tkompli issegwi.

41/03/07 **Para 40/03/06:- *Crash Barrier* eċċ.** Is-SE intalbet issegwi l-irċevuti fiskali tal-pagamenti li saru u li tibgħat il-*claim* lid-DLG ħalli ningħataw lura l-fondi.

41/03/08 **Para 40/03/08**:- **Triq San Gwann**: Il-Kunsillier Vincent Galea u s-S.E. infurmaw li għad iridu jiktbu lit-TM dwar Triq San Gwann kif ukoll sabiex isiru sinjali ġodda ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq Jean De La Valette (Birguma Bypass).

41/03/09 **Para 40/03/09**: **'*Invitation to Information Session – Measure 313*'**. Is-S.E infurmat lill-Kunsill li fuq il-*website* kien hemm indikat li l-applikazzjoni kellha tiġi sottomessa *by hand.*

41/03/10 **Para 40/03/10 *Aerobics***: Is-S.E. infurmat li għad irid jiġi emendat il-ftehim mal-*Health Promotion Unit* dwar il-korsijiet tal-*Aerobics* għal matul l-2014 meta ser isiru 3 programmi. Sadanittant il-Kunsillier Muscat ser jikkonferma mal-Kapillan jekk is-*sessions* jistgħux idumu sagħtejn minflok siegħa. Ġie deċiż li kif ikollna risposta mingħand il-Kapillan nipproċedu sabiex niffirmaw il-ftehim.

41/03/11 **Para 40/03/11:- Lift tal-Uffiċċju tal-Kunsill**: Is-S.E. infurmat li t-*technician* mill-*Artech Aftersales* kien infurmaha li hemm bżonn li l-*cable* tal-linja tat-telefon jitwassal sal-kamra tal-lift mit-*technician* tal-GO plc, imbad huma jkunu jistgħu jagħmlu l-linja fil-lift. Is-S.E. għandha tkompli issegwi dan ix-xogħol.

41/03/12 **Para 40/03/12**: **Approvazzjoni tal-*Financial Quarterly Return*** : Il-*Management accounts* sa Ġunju 2013 kienu ntbagħtu lis-SE u lil-Kunsillieri mis-Sindku. L-*Accountant* tal-Kunsill intalab jirrevedi ċ-ċifri tal-*Quarterly Financial Report.* Is-S.E. ser tieħu ħsieb tgħaddi dan ir-rapport lill-DGL u li jittellgħa fuq il-*websites* tal-Kunsill.

41/03/13 **Para 40/03/14: Talba numru 18113003197825** - Talba għal linja safra fi Triq Caravaggio – Il-Kunsillier Vincent Galea qal li hu mar fuq il-post u jaħseb li hemm bżonn li ssir din il-linja safra. Hu stieden lill-Kunsillieri sabiex jmorru u jaraw kif vetturi li jipparkjaw fil-kantuniera qed joħolqu inkonvenjent. Ġie deċiż li issir żjara fuq il-post. Sadanittant is-S.E. intalbet tirraporta lill-Pulizija li fuq il-post hemm vettura li regolarment twaqqa ż-żejt fit-triq.

41/03/14 **Para 40/03/17**: ***After School Programme*:** Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li hija tkellmet mal-Head tal-iskola. Is-Sinj Portelli kienet staqsiet dwar il-possibilta' li tintuża s-sala tal-iskola imma s-S.E. ikkomfermatilha li l-istudenti kienu ser jużaw biss il-bitħa għal dan l-isport. Il-Madam kella tagħti l-ġranet preferiti li jsiru dawn is-*sessions* u tinforma lis-S.E. meta jkun jista' jibda dan l-*After School Programme* halli s-S.E. tkun tista tipprepara l-applikazzjonijiet u tgħaddihom lill-iskola.

41/03/15 **Para 40/03/18: Titqib għall-kontra l-influenza**:- Is-SE infurmat lill-Kunsill li madwar 200 resident li kienu diġa nkitbu għall-*vaccine*. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser jieħu

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

ħsieb iġib il-*vaccines* mid-Dipartiment tas-Saħħa u jikkoordina l-għoti tat-titqib għall-21 t'Ottubru 2013.

41/03/16 **Para 40/03/19**: **Stimi għall-armar ta' dawl dekorattiv**: Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li s-sejħa għal stimi ħalli fi Triq San Bartilmew u fil-Pjazza tal-Knisja jintrama d-dawl dekorattiv fix-xahar tal-Milied tlestiet u kienet ser toħrog dik il-ġimgħa stess. Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li għadu qed jara dwar l-armar tas-siġra tal-Milied fil-pjazza.

41/03/17 **Para 40/05/02*:* Ilment numru 18113022199042** – Ġie unanimament deċiż li din it-talba tintlaqa u għalhekk ser isiru kaxxi sabiex il-vetturi jipparkjaw *parallel* mal-bankina.

41/03/18 **Para 40/05/03: Tabelli fi Triq Għaxqet l-Għajn** : Is-S.E. infurmat li qeda tistenna l-istimi ta' dawn it-tabelli ħalli toħrog il-*purchase order* għalihom.

41/03/19 **Para 40/07/03 *Merchant Accounts* mal-Banek:** Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li l-formoli ntbgħatu u hija qiegħda tistenna li l-banek rispettivament jibgħatulhom il-kuntratt tal-ftehim. Fil-jiem li ġejjin ser tieħu ħsieb l-applikazzjoni għall-*Internet Banking*.

41/03/20 **Para 40/07/04 *Clean Up* fi Triq Għaxqet l-Għajn** : Il-Kunsillier Christopher Fenech informa li *Clean Up Activity* fi Triq Għaxqet l-Għajn li ġiet organiżżata nhar il-Ħadd 13 t'Ottubru mis-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ kienet ta' suċċess u nġabru madwar 5 trakkijiet ta' skart. Il-Kunsill unanimament irringrazzja lis-Sotto Kumitat Żgħażagħ għal din l-inizjattivi kif wkoll lil *Public Cleansing Department* talli ipprovdew l-għodda neċessarja.

41/03/21 **Para 40/07/05 Il-Milied fil-Pjazza**: Il-Kunsillier Fenech ta' iżjed dettalji dwar il-Milied fil-Pjazza li ser jiġi organizzata mis-Sotto Kumitat Żgħażagħ fil-15 ta' Diċembru. Huwa qal li l-*Blood Donation Unit* ma jistgħux jipparteċipaw peress li ser ikunu impenjati f'post ieħor.

41/03/22 **Para 40/07/06 *Halloween Party* fis-*Searchlight Battery***: Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li l-Għaqda Dwal Ġodda kienu ħadu ħsieb li jnaddfu s-*Searchlight Battery* u ser jaraw li jarmaw il-post għall-attivita'. Il-Kunsill unanimament qabel li jinkera l-apparat li hemm bżonn għal din l-attivita' u li joħrog ittra ta' ringrazzjament lill-Għaqda Dwal Ġodda.

41/03/23 **Para 40/07/09 Ħargiet Kulturali**: Il-Kunsillier Vincent Galea nforma lill-Kunsill li ser jorganizza ħarġa fis-26 ta' Novembru 2013 fejn ser issir żjara fil-Kċina tal-President. Il-Kunsill unanimament approva din l-attivita'. Sadanittant il-Kunsillier Vincent Galea informa li l-ħarġiet li saru għall-Notte Bianca u għall-Birgu Fest kienu ta' suċċess.

41/03/24 **Para 40/07/10: Fuljett:-** Is-S.E. infurmat li hi kienet ħarġet il-*Works Order* ta' dan il-fuljett lill-*printer*. Aktar dettalji jingħataw fil-laqgħat li ġejjin. Ġiet unanimament approvata r-*running order*.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

**41/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

41/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash.*

**41/05 Ilmenti u Suggerimenti**

41/05/01 **Ilment 18113013199852:** Talba sabiex titneħħa xitla li tpoġġiet fi Triq il-Mitħna minn resident. Il-Kunsill innota li fejn tpoġġiet din ix-xitla hu sqaq li ma jinfidtx u li ma hemmx aktar residenzi apparti dik tar-resident li poġġa din ix-xitla. Ukoll, il-Kunsill innota li fir-raħal hawn diversi residenti li poġġew xtieli fuq il-bankina jew fit-triq viċin ir-residenza tagħhom. Fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill iħoss li mhux ġust li jieħu azzjoni kontra dan ir-resident u ġie unanimament deċiż li fir-rigward ta' dan l-ilment ma jsir xejn aktar.

41/05/02 Il-Kunsillier Christopher Fenech ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm vetturi li jibqgħu deħlin fi Triq San Bartilmew meta din tkun magħluqa għat-traffiku minħabba id-dħul jew il-ħruġ tat-tfal tal-iskola u dan minkejja li fuq il-post ikun hemm pulizija. Ġie unanimament deċiż li dan l-ilment jiġi mgħoddi lill-Ispettur tad-Distrett.

41/05/03 Il-Kunsillier Christopher Fenech informa li hu rċieva ilment dwar it-Triq ta' Birguma li hi fil-konfini tal-Kunsill tan-Naxxar. Ġie unanimament deċiż li dan l-ilment jiġi mgħoddi lill-Kunsill tan-Naxxar.

41/05/04 Il-Viċi Sindku Mark Azzopardi talab lill-Kunsill sabiex jitnaddaf il-*culvert* ta' Triq Fidiel Zarb u sabiex isiru linji sofor f'parti minn Triq Fidiel Zarb minħabba li qed isir ipparkjar ta' vetturi meta l-wisa' tat-triq ma jippermettix dan. Il-Kunsill unanimament laqa' dawn it-talbiet.

**41/06 Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata u innotata din il-Korrispondenza:-

41/06/01 Mingħand id-DLG - *Reminder case 341/13-online payments-merchant account*

41/06/02 Mingħand is-Sindku is-Sur Mario Gauci dwar *Management Accounts - June 2013*

41/06/03 Mingħand *Care Malta Group* dwar in-*Nazzareno Vassallo Award for initiatives in Elder Care*. Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li hu u s-Sotto Kumitat għall-Anzjani u Persuni b'Diżabilita' qed jirrakkomanda li jiġi nominat il-Kunsillier is-Sur Vincent A. Galea għal dan l-*Award*. Is-Sur Galea dan l-aħħar kien appuntat mill-President ta' Malta bħala Nannu Ambaxxatur. Il-Kunsill unanimament qabel ma din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kunsillier Galea ma ħax sehem fid-diskussjoni u fid-deċizjoni dwar din ir-rakkomandazzjoni.

41/06/04 Mingħand il-Perit George Schembri fejn il-Perit informa li minn stħarriġ li sar irriżulta li fil-għalqa ta' Triq San Gwann kien hemm ġiebja żgħira li kienet ilha hemm minn qabel l-

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt

1988. Issa ser isiru pjanti ġodda u l-MEPA ser tikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjoni sabiex jinbena l-*culvert*.

41/06/05 Mingħand il-Perit Chris Grech rigward PA 2413/09.

41/06/06 Mingħand id-DGL dwar *Memo 23 2013-LEAP-Building the future together promoting social mobility.*

41/06/07 Mingħand Vote 16 at MOT - Seminar fis-26 ta' Ottubru 2013 – Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li fis-Sotto Kumitat Żgħażagħ ma hemmx membri li għandhom bejn 16 u 18-il sena.

41/06/08 Mingħand Transport Malta dwar talba għal bini ta' bankina ġdida fil-Pjazza tad-Dejma, Triq il-Ġnien. Transport Malta ma approvatx it-talba sabiex tinbena l-bankina imma talbet li jsir pjan holistiku għall-area kollha. Il-Kunsill unanimament qabel li ma jsirx dan il-pjan għaliex ma jaqbilx li tinbena bankina madwar il-Pjazza tad-Dejma kollha u matul Triq il-Ġnien kollha minħabba d-djuq tat-triq kif ukoll għaliex jinqata l-*parking*. Is-S.E. intalbet sabiex tinforma lir-residenta li għamlet it-talba b'dan kollu.

41/06/09 Mingħand *Majjistral Action Group - Application for funds under measure 125 - Infrastructure related to the development and adaptation of agriculture.* - fejn ġejna infurmati li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma kienitx ser tiġi aċċettata peress li ma hemmx bdiewa li jaħdmu fuq bażi *full time*. Dan qed isir ukoll ma Kunsilli l-oħra ukoll. Madanakollu fil-jiem li ġejjin ser tinħareg sejħa oħra għall-mogħdijiet li jwasslu għall-għelieqi li jinħadmu minn bdiewa li jaħdmu fuq bażi *part-time*. Is-Sindku talab lis-S.E. isegwi din il-materja.

41/06/10 Mingħand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali - Cirkulari AKL Cirk 67/2013-Laqgha għall-Kunsillieri ta' Malta u Ghawdex, is-Sibt 7 ta' Dicembru 2013 fil-lukanda Dolmen Resort, il-Qawra. Il-Kunsillieri Fenech, Galea u Muscat ikkonfermaw li ser jattendu. Is-S.E. ser tiehu hsieb tibghat l-applikazzjoni flimkien mal-hlas tal-partecipazzjoni.

41/06/11 Mingħand l-Għaqda Teatrali Dwal Ġodda Invit għall-kummiedja ta' tliet atti: l-Għaxar Kmandamenti. Il-Kunsill unanimament irringrazzja l-Għaqda Teatrali Dwal Ġodda għal dan l-invit. Is-S.E. għandha tinforma lill-Għaqda bl-ismijiet tal-Kunsillieri li ser jattendu.

41/06/12 Mingħand il-MEPA fejn qed jintalab hlas għal meta uffiċċjali tal-MEPA għamlu *site visits* fil-Ġnien tal-Ponta. Il-Kunsill unanimament qabel li din it-talba ma għandhiex tintlaqa għaliex dawn is-*site visits* saru meta deherilhom il-MEPA u mingħajr ma ġew mitluba mill-Kunsill. Is-S.E. għandha tinforma lil-MEPA b'din id-deċizjoni.

41/06/13 Mingħand is-Sindku tal-Comune di Chiaramonte-Gulfi dwar proposta sabiex isir ġemellaġġ. Il-Kunsill unanimament qabel li jikkunsidra aktar fid-dettal din il-proposta. Il-Kunsillier Vincent A. Galea ser jieħu ħsieb jipprepara risposta.

**41/07 Materji Oħra u Mistoqsijiet**

41/07/01 Il-Kunsill unanimament approva il-*Purchase Orders* lill-B. Grima and Sons sabiex tinxtara ż-żebgħa, lill-Bonnici Stores sabiex jitranġa l-mutur li jaqta' l-ħaxix u lill-Strand Electronics sabiex jinxtraw *toners* għall-*photocopier*.

41/07/02 Il-Kunsill unanimament qabel li bħal ma sar fis-snin preċedent issir quddiesa għal ruħ ir-residenti li mietu f'dawn l-aħħar tnax il-xahar. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser jieħu ħsieb ikellem lill-Kapillan.

41/07/03 Il-Kunsillieri Christopher Fenech u Alfred Muscat iltaqgħu mas-Sur Paul Curmi mill-HSBC Bank Malta plc u iddiskutew il-proposta li l-bank jgħin fix-xiri ta' siġar sabiex jitħawwlu fis-*Searchlight Battery*. Ġie ikkunsidrata ukoll il-possibilita' li meta jitħawwlu dawn is-siġar jiġu mistiedna t-tfal mill-iskola primarja. Ġie unanimament deċiż li l-ELC jintalbu sabiex jipprovdu stima sabiex jinxtraw dawn is-siġar. Din l-istima għandha tintbagħat lill-HSBC Bank Malta plc.

41/07/04 Il-Kunsill unanimament qabel li Ġnien tal-Paċi jingħalaq nhar it-3 ta' Novembru 2013 minħabba attivita' privata.

41/07/05 Il-Kunsill innota x-xogħol amministrattiv li għadu pendenti. Dan jinkludi s-sejħiet għall-offerti għall-gbir ta' skart goff, għall-provvista ta' servizz ta' *live-streaming*, għal xiri u installazzjoni ta' lifter u għal servizz ta' Perit, il-kuntratti tax-xogħol tal-istaff tal-Kunsill, is-servizz tal-*internet banking*, ġbir ta' stimi sabiex jinxtraw bankijiet u *bins* etc. Is-S.E. intalbet sabiex jsir sforz ħalli dan ix-xogħol jitlesta kemm jista' jkun malajr.

**41/08 Aġġornament**

41/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-20.35 wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar t-Tlieta 5 ta' Novembru 2013 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **5 ta' Novembru 2013** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |